11.12.2013

B7-0563/2013 }
B7-0574/2013 }
B7-0576/2013 }
B7-0579/2013 }
B7-0580/2013 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Paul Murphy**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR**
dwar is-sitwazzjoni fis-Sri Lanka

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jilqa' l-istqarrija tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar it-twaqqif ta' inkjesta internazzjonali indipendenti biex tinvestiga d-delitti tal-gwerra kommessi fl-aħħar xhur tal-gwerra ċivili tas-Sri Lanka, jekk il-Gvern Sri Lankan ikompli jonqos milli jieħu passi sinifikanti qabel ma l-Kummissarju tippreżenta r-rapport finali tagħha lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-aħħar ta' Marzu 2014; jitlob li tali investigazzjoni tinbeda waqt is-sessjoni ta' Marzu 2014 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU; hu tal-fehma, madankollu, li biex tali inkjesta internazzjonali tkun totalment indipendenti, kredibbli u trasparenti, jeħtieġ li tinvolvi t-trade unions u lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tkun responsabbli għall-vittmi kollha tal-kunflitt u l-familji tagħhom;*** |

Or. en

11.12.2013

B7-0563/2013 }
B7-0574/2013 }
B7-0576/2013 }
B7-0579/2013 }
B7-0580/2013 } RC1/Am. 2

**Emenda 2**
**Paul Murphy**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR**
dwar is-sitwazzjoni fis-Sri Lanka

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jinnota n-nuqqas tal-Gvern tas-Sri Lanka li jikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għat-Tagħlimiet Miksuba u r-Rikonċiljazzjoni (LLRC), kif ukoll in-nuqqas tiegħu li jinvestiga jew jirrisolvi eluf ta' każijiet pendenti ta' għajbien furzat, waqt li l-familji jibqgħu bla tweġiba dwar x'ġara mill-qraba maħbuba tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Paul Murphy**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR**
dwar is-sitwazzjoni fis-Sri Lanka

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jikkundanna lil dawk l-Istati Membri (inkludi l-Bulgarija, ir-Repubblika ċeka, is-Slovakkja, ir-Renju Unit, Franza, l-Italja, il-Litwanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Polonja) li awtorizzaw il-bejgħ ta' armi u tagħmir militari lill-Gvern tas-Sri Lanka sa mill-elezzjoni tal-President Mahinda Rajapaksa fl-2005; jitlob li jintemm kompletament il-bejgħ tal-armi u tagħmir militari u jistieden lill-Istati Membri konċernati jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tal-2008;*** |

Or. en

11.12.2013

B7-0563/2013 }
B7-0574/2013 }
B7-0576/2013 }
B7-0579/2013 }
B7-0580/2013 } RC1/Am. 4

**Emenda 4**
**Paul Murphy**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, ECR**
dwar is-sitwazzjoni fis-Sri Lanka

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 13b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13b. Jikkundanna lil dawk l-Istati Membri li ddeportaw jew ippruvaw jiddeportaw persuni li jitkellmu t-Tamil u attivisti ta' kontra l-gvern lura lejn is-Sri Lanka; jitlob għal tmiem immedjat tad-deportazzjonijiet u attentati ta' deportazzjonijiet lejn is-Sri Lanka, u li l-persuni li jfittxu l-asil mis-Sri Lanka jingħataw residenza permanenti fl-UE;*** |

Or. en